***Ruling* mogħti mid-Deputy Speaker, l-Onor. Claudette Buttigieg, dwar it-talba għall-Aġġornament tal-Kamra skont Ordni Permanenti 13**

Fil-bidu tax-xogħol tas-Seduta tal-lejla l-Onor. Adrian Delia, Kap tal-Oppożizzjoni, invoka l-Ordni Permanenti 13 u talab il-permess li jressaq l-aġġornament tal-Kamra sabiex tiġi diskussa materja definita ta' importanza pubblika urġenti, u għadda lis-Sedja dikjarazzjoni miktuba dwar dan is-suġġett. Kopja tad-dikjarazzjoni li qara l-Onor. Delia ġiet mgħoddija lill-Ispeaker u ppreżentata lill-Kamra.

Is-Sedja kkundsidrat bir-reqqa t-talba mressqa mill-Kap tal-Oppożizzjoni sabiex il-Kamra taġġorna x-xogħol tagħha biex tiddiskuti l-materja msemmija fid-dikjarazzjoni u jidhrilha li taħt iċ-ċirkostanzi is-suġġett huwa ta' urġenza, definit u ta' importanza pubblika, u għalhekk tilqa' t-talba tal-Kap tal-Oppożizzjoni u titlob sekondant għall-mozzjoni.